MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 160/2013

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg bejniethom f'Malta fl-20 ta' Frar 1977 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi miz-zwieg taghhom il-konjugi B kellhom zewgt itfal u cioe M Formosa nee B u J B, li llum huma maggorenni;

Illi l-intimat irrenda ruhu hati lejn ir-rikorrenti ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi u inoltre llum iz-zwieg

bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet serji imputabbli unikament lill-intimat;

Illi r-rikorrenti hija ntitolata li titlob u tircievi manteniment minghand l-intimat;

Illi skont digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Awissu 2013, ir-rikorrenti ghandha tirvievi manteniment ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat minghand l-intimat u dana pendente lite fil-mori ta' dawn il-proceduri a tenur tar-Regolament 4 (13) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 intitolat "Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali) u il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)", kif jidher minn kopja tad-digriet relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Gunju 2013 sabiex tistitwixxi din il-kawza, kif jidher minn kopja tad-digriet relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok C;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex, prevja dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni in vista tar-ragunijiet hawn fuq imsemmija:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimat;
2. Tiddikjara li l-intimat jahti ghas-separazzjoni personali u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-data minn meta l-istess intimat ghandu jkun kunsidrat hati tal-firda;
3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi u taqsamha f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia tad-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data minn meta l-intimat ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda, b'tali mod illi jekk ikun il-kaz, l-intimat jitlef kull jedd li

ghandu ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hili tar-rikorrenti;
5. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat;
6. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikli 48, 51 u 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Tordna illi ir-rikorrenti jkollha d-dritt esklussiv illi tirrisjedi fid-dar konjugali maghrufa bhala 11, Radiosa, Triq il-Mudest Sapiano, San Gwann;
8. Tordna lill-intimat ihallas manteniment lir-rikorrenti f’somma li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;
9. Tiddikjara li l-intimat m’ghandu ebda dritt ta’ manteniment minghand ir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa ngunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata fiz-zmien illi trid il-ligi;

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat minnu waqt is-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2013 li permezz tieghu il-konvenut talab sabiex jiggustifika il-kontumacja tieghu;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Semghet lill-avukat difensuri jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenut;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimat C B li naqas milli jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fiz-zmien prefiss mill-ligi.

Il-qorti tinnota li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat nhar it-28 ta' Awwissu 2013 u dan kif jirrizulta mir-referta esebita in atti a fol 13 tal-process, liema referta turi li l-istess rikors guramentat inghata personalment lill-intimat. Din il-qorti tinnota wkoll li l-intimat ma prezentax ir-risposta guramentata tieghu fit-terminu ta' ghoxrin gurnata stipulati mill-ligi izda permezz ta' rikors datat id-29 ta' Ottubru 2013, l-istess intimat talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah jirrispondi ghar-rikors guramentat fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Il-qorti taghmel referenza ghac-certifikat mediku mahrug mill-konsulent Psikjatra Dr. Etienne Muscat[1] u li permezz tieghu gie dikjarat li fiz-zmien li l-istess intimat gie debitament notifikat bl-atti, kien ghaddej minn perjodu hazin, anke mentalment u dan *stante* li fl-istess zmien kien ghadu kif tilef lil ommu. Il-psikjatra jiddiskrivi l-istess intimat, anke xahrejn wara tali data, bhala *emotionally fragile* ...*close to tears on a number of occasions* u jzid jghid ukoll li l-istess intimat esprima dispjacir ghax ma rnexxilux jintavola r-risposta tieghu fiz-zmien opportun.

L-istess intimat permezz tax-xiehda tieghu[2] jispjega u jikkonferma dak kollu li jsemmi l-psikjatra fic-certifikat msemmi aktar 'il fuq. In kontro-ezami, l-intimat jghid ukoll li jixrob zewg grokkijiet kulljum *whiskey* u li mar xi sessjonijiet tal-Alcoholics Anonymous imma peress li wara tali sessjonijiet hareg minn hemm aktar *depressed* ma marx aktar. Mistoqsi jekk ikunx hemm posta li jiddeciedi li ma jiftahx, l-intimat jghid li mhux kollha pero' kwantu ghar-rikors guramentat in kwistjoni, l-intimat jghid li n-notifika saret permezz tal-marixxal. Meta raha, ma hass xejn ghalkemm qraha. Jikkonferma li fuq it-terminu tal-ghoxrin gurnata, dawn ma rregistrawx f'mohhu.

Oht l-intimat ukoll tikkonferma l-istat mentali li kien fih l-intimat f'dan iz-zmien partikolari meta rcieva d-dokumenti

[1] Esebit a fol 51 tal-process

[2] Datata l-21 ta' Novembru 2013

relattivi u illi fl-istess hin kienet ghadha kif mietet ommu. Tispjega li l-hin kollu kien jibki u ma kienx tajjeb xejn. Fil-fatt tikkonferma li huha ghadu mhux tajjeb ghaliex *depressed* kemm minhabba s-separazzjoni pendenti kif ukoll minhabba l-mewt ta' ommu. Ix-xhud tghid li l-mewt ta' ommu aggravat is-sitwazzjoni ghaliex tghid li d-*depression* zdiedet.

Ir-rikorrenti mbaghad, permezz tax-xiehda taghha, tispjega li l-intimat ghandu problema kbira ta' *alcohol* b'dan li mhux l-ewwel darba li kien fis-sakra u kienet issib numru kbar ta' fliexken vojta. Tghid li ma tistax tkompli thallas id-dejn tieghu u li m'ghandu ebda forma ta' limitu. Tispjega li jghixu b'mod separat ghalkemm taht l-istess saqaf u li kien hemm xi *business* tar-ragel li mar hazin ukoll. Dwar il-kwistjoni tan-notifika, r-rikorrenti tghid li l-unika darba li kellimha kienet biss gimgha qabel ma l-partijiet kellhom jidhru l-qorti u cioe' f'gimgha partikolari fejn kellu wkoll ihallas xi flus lil terzi. Ir-rikorrenti tghid li kienet taf li ma rrispondiex ghall-kawza imma tghid li "***it was up to him***" ghax ma setghetx tkompli tigri warajh biex jaghmel l-affarijiet.

Il-qorti tinnota fl-ewwel lok li r-rikors guramentat in kwistjoni kien jinkludi s-solitu avviz rikjest mill-ligi. Dwar dan il-fatt m'hemm ebda ombra ta' dubju u ghalhekk il-qorti mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni. Li jrid jigi deciz hu jekk l-intimat kienx gustifikat fil-kontumacja tieghu jew le. Jidher li m'hemmx kontestazzjoni dwar in-notifika *per se, stante* li l-intimat jikkontendi li huwa rcieva d-dokumentazzjoni relattiva izda qed jitlob il-gustifikazzjoni tal-kontumacja abbazi tal-fatt li fiz-zmien relattiv kien ghaddej minn perjodu hazin b'dan illi kellu jirrikorri ghall-ghajnuna professjonali tal-psikjatra ghal dan il-ghan.

F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo**[3] fejn gie dikjarat li sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, ma jridx ikun hemm element ta' *culpa* da parti

[3] Vol. XXIX.I. 1581 deciza nhar id-29 ta' Mejju 1937

ital-istess intimat izda jrid necessarajament ikun hemm element li permezz tieghu verament juri li kien hemm kawza legittima (u cioe' ***una ragione indipendente dalla volonta' di chi e' chiamato a subire, o necessita' impellante di chiamata ad altri doveri imprescindibili***[4]) ghal tali nuqqas ta' prezentata ta' risposta fit-terminu impost. Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**[5] fejn il-Qorti tal-Appell esponiet il-fundament razzjonali ta' l-istitut tal-kontumacja, u allura wkoll il-parametri tieghu li ghandhom jigu interpretati b'mod strettissimu favur il-kontumacja. Fi kliem l-istess qorti,

"….***Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta` fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, anke ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata***."

Tenut kont tal-fatt li l-intimat ma kienx fi stat mentali stabbli bizzejjed biex jirraguna u jaghmel gudizzju objettiv, anke tenut kont tal-fatt li kien afflit minn cirkustanzi partikolari (fosthom il-mewt ta' ommu) li waqqghetu fi stat *depressed* (u dan kif inhu kkonfermat anke mill-Psikjatra tal-istess intimat), il-qorti thoss li kien hemm raguni valida ghal tali nuqqas ta' risposta guramentata u zzid tghid ukoll li li kieku l-istess intimat ma jinghatax tali opportunita' sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu, allura jkun qed jinghata messagg negattiv fis-sens li anke l-mard jew cirkustanzi partikolari bhal dawk tal-kaz odjern, xorta

[4] Callus vs Chircop (1926)

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell 1995

wahda ma jwasslux ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dan ikun wisq estrem u mhux fl-ahjar interess tal-gustizzja, specjalment tenut kont tal-fatt li l-qorti ghandha tisma’ liz-zewg partijiet sabiex tasal ghall-gudizzju finali taghha abbazi tal-principju tal-*audi alteram partem*.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-intimat ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu, u taghti zmien ghoxrin (20) jum mid-data tal-lum sabiex l-istess intimat jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jigu decizi mas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------